

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Fejn U Kif > Rati Tal-imgħax > Austria

Rati tal-imgħax



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

Ir-rati tal-imgħax statutorju huma regolati mill-Artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili Awstrijakk (*Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch*, ABGB). Ir-rati tal-imgħax ta' inadempjenza huma regolati mill-Artikolu 1333 ABGB u l-Artikolu 456 tal-Kodiċi Kummerċjali Awstrijakk (*Unternehmensgesetzbuch*, UGB) għal tranżazzjonijiet marbuta man-negozju bejn il-kumpaniji, u bejn il-kumpaniji u entitajiet ġuridiċi regolati mid-dritt pubbliku.

L-Artikolu 1000 tal-ABGB japplika għall-imgħax "li huwa meħtieġ bil-liġi jew li ma ġietx determinata rata għalih". Barra minn hekk, l-Artikolu 1000(2) tal-ABGB jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi fejn l-imgħax jista' jiġi impost fuq l-imgħax (imgħax kompost).

2 Jekk iva, x'inhu/x'inhi l-ammont / ir-rata u x'inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta' mgħax statutorju, liema ċirkostanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

Skont l-Artikolu 1000(1) tal-ABGB, l-imgħax statutorju huwa ta' 4% fis-sena. L-istess japplika għall-imgħax statutorju ta' inadempjenza skont l-Artikolu 1333(1) tal-ABGB flimkien mal-Artikolu 1000(1) tal-ABGB. Din ir-rata ta' mgħax tapplika wkoll għat-tranżazzjonijiet tan-negozju unilaterali.

Għat-tranżazzjonijiet legali marbuta man-negozju bejn il-kumpaniji, u bejn il-kumpaniji u entitajiet ġuridiċi regolati mid-dritt pubbliku, tapplika rata ta' mgħax ta' inadempjenza ta' 9.2 punti perċentwali mar-rata ta' mgħax bażika għal pagament tard ta' dejn pendenti skont l-Artikolu 456 UGB. Ir-rata ta' mgħax bażiku għall-perjodu ta' sitt xhur rilevanti hija dik li kienet valida fl-ewwel jum ta' kalendarju ta' dak il-perjodu. Ir-rata ta' mgħax bażika tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Bank Nazzjonali Awstrijakk fuq <http://www.oenb.at> taħt "Servizzi / Rati ta' mgħax u rati ta' skambju".

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Skont l-Artikolu 1000(2) tal-ABGB, kreditur jista' jitlob imgħax fuq talba monetarja jekk il-partijiet ikunu ftiehem dwarha b'mod espliċitu. Anke mingħajr ftehim bejn il-partijiet, l-imgħax kompost ta' 4% fis-sena jista' jintalab mid-data li fiha l-litigazzjoni ġiet sospiża (meta t-talba tiġi notifikata lill-konvenut) jekk saret għall-imgħax dovut. Il-liġi Awstrijaka ma tipprojbix l-imgħax kompost.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija

hawn fuq?

L-aċċess għad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn qabel tal-Kodiċi Ċivili Awstrijak u l-Kodiċi Kummerċjali Awstrijak huwa mingħajr ħlas (bil-Ġermaniż) fuq is-sit elettroniku tal-Kanċellerija Federali Awstrijaka (*Bundeskanzleramt*) (<http://www.ris.bka.gv.at/>) taħt '*Bundesrecht*'/'*Bundesrecht konsolidiert*'.

■ L-aħħar aġġornament: 29/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.